# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 12 ta’ Lulju, 2023.**

**Numru 3**
**Rikors maħluf numru 892/2016/2 GM**

**Doreen Baldacchino**

***v.***

***Auto Sales Limited* (C-491)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta’ Diċembru 2021 illi laqgħet it-talbiet tal-attriċi f’azzjoni redibitorja u, wara li sabet illi vettura mibjugħa mill-konvenuta lill-attriċi kien fiha difetti li ma dehrux fil-waqt tal-bejgħ, ħassret il-bejgħ u ikkundannat lill-konvenuta trodd il-prezz tal-bejgħ lill-attriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi xtrat vettura mingħand il-konvenuta. Ftit ta’ żmien wara bdew joħorġu diversi difetti fil-vettura u kien għalxejn li għal aktar minn darba l-

attriċi ħadet il-vettura għand il-konvenuta għat-tiswija. L-attriċi għalhekk fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-qorti:

»1. tiddikjara [illi] l-vettura … hija milquta minn difett moħbi li jrendija mhux tajba u utli għall-iskop li għalih inxtrat;

»2. tiddikjara maħlul il-kuntratt ta' bejgħ tal-imsemmija vettura mill-kumpannija intimata lir-rikorrenti, bl-istess vettura terġa' ssir proprjetà tal-kumpannija intimata;

»3. tiddikjara wkoll li l-kumpannija intimata għandha tirrifondi lir-rikorrenti l-prezz sħiħ tal-vettura u kif ukoll danni minnha sofferti għaż-żmien li fih il-vettura kienet u ser tibqa' għand il-kumpannija intimata;

»4. tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf u mitejn euro (€17,200) rappreżentanti prezz tal-vettura;

»5. tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti għaż-żmien li fih il-vettura kienet u ser tibqa' għand il-kumpannija intimata;

»6. tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas id-danni hekk likwidati fil-ħames talba.«

3. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

4. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. sabiex teħles mir-rabta kuntrattwali minn mal-kumpannija esponenti, ir-rikorrenti kellha tirrifjuta materjalment il-vettura u tiddepożitaha taħt l-awtorità ta' din il-qorti. Allavolja saret ċedola (nru 1582/16) għal dan il-għan, ir-rikorrenti abbandunat il-vettura wara li ħaditha għand il-kumpannija esponenti u llum tinstab hemmhekk kif ikkonfermat mir-rikorrenti … … …;

»2. l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u dan skont l-artikolu 1431 tal-Kap. 16;

»3. … … …

»4. … … …

»5. il-kumpannija esponenti ma naqset taħt l-ebda waħda mill-azzjonijiet fuq indikati;

»6. l-attriċi m'għandhiex il-jedd għar-rexxissjoni tal-kuntratt taħt l-azzjoni redibitorja u hi insostenibbli *stante* li l-vettura ma hija milquta minn ebda difett moħbi;

»7. id-difetti, jekk jistgħu jissejħu hekk, … … … huma ta' natura minuri, insinjifikanti u bl-ebda mod ma jaffetwaw l-użu tal-vettura u allura ma jistgħux iġibu magħhom konsegwenza ta' rexxissjoni;

»8. il-kumpannija esponenti tiċħad illi hija responsabbli għall-allegati danni.«

5. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta, ċjoè l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

»2. tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn safejn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza, filwaqt li ma tiħux konjizzjoni tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet li ġew irtirati mill-konvenuta fit-8 ta' Novembru 2016;

»3. tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara l-vettura … … … milquta minn difett moħbi;

»4. tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara maħlul il-kuntratt ta' bejgħ tal-imsemmija vettura, bl-istess vettura terġa' ssir proprjetà tal-konvenuta;

»5. tilqa' *in parte* t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet billi tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sbatax-il elf u mitejn euro (€17,200) rappreżentanti prezz u spejjeż tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

»Bl-ispejjeż … … ….«

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»Fis-6 ta' Jannar 2016 l-attriċi xtrat mingħand il-konvenuta karrozza ġdida fjamanta u ħallset il-prezz kollu mal-kunsinna. Bdiet tinnota għadd ta' difetti ta' xorta differenti waħda mill-oħra u għamlet kważi seba' xhur ġejja u sejra għand il-konvenuta bl-ilmenti sakemm fl-aħħar qatgħet qalbha, ħaditha lura għand il-konvenuta fit-28 ta' Lulju 2016 u, għalkemm l-addetti tal-attriċi [*recte*, tal-konvenuta] sussegwentement kienu infurmawha li d-difetti kollha ġew eliminati, hija rrifjutat il-vettura, ippreżentat ittra uffiċjali kif ukoll din il-kawża.

»Skont Malcolm Mallia, wieħed mill-impjegati tal-konvenuta, hija marret madwar tmien darbiet. Fl-atti ġew esibiti ħames *job sheets* relatati mal-ilmenti tal-attriċi, li xehdet li ġieli marret biha u ħaditha lura wara ftit tal-ħin u għalhekk ma kienx hemm *job sheets*. … … … L-ewwel ilment li kellha l-attriċi kien dwar ir-radju tal-vettura, li ġie mibdul u beda jaħdem tajjeb, u dwar il-*bumper*. Imbagħad bdiet tisma' ta' spiss ħsejjes ġejjin minn diversi partijiet tal-karrozza. Xehdet li kien hemm okkażjonijiet meta l-karrozza ma kinitx taqbad mill-ewwel; l-addetti tal-konvenuta xehdu li ma sabu xejn ħażin f'dan is-sens u l-karrozza meta ppruvawha kienet taqbad mill-ewwel.

»Kunsiderazzjonijiet legali:

»*Preskrizzjoni:*

»Din il-qorti taqbel mal-Qorti tal-Appell Kummerċjali li:

> »"Il-kliem 'minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett' għandhom ikunu interpretati fis-sens li d-*dies scientiæ* ma hux dak li fih tiġi nnotata jew riskontrata irregolarità fil-funzjonament imma huwa dak li fih jiġi aċċertat id-difett. Dan hu partikolar-

> ment il-każ fil-bejgħ ta' konġenji jew apparati ta' struttura delikata u teknikament komplikata, bħal ma huma *washing machines*, *refrigerators, etc.*, li llum il-ġurnata saru ta' użu domestiku komuni. Ma hux loġiku li wieħed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi irregolarità fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarità hi difett … u fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar loġiku li jingħad li, f'każi simili, *stante* l-possibilità li *si tratta*, mhux ta' veru difett, imma ta' sempliċi irregolarità faċilment riparabbli, ix-xerrej jirrikorri għall-bejjigħ biex dan *sia pure* taħt il-garanzija li soltu tiġi rilaxxjata mal-bejgħ ta' attrezzi simili, jipprovdi għar-riparazzjoni."[1]

»Is-sentenza suċċitata hija tas-sena 1963. It-teknoloġija ta' dak iż-żmien hija primittiva meta mqabbla ma' dik tal-lum u allura iktar u iktar il-konsumatur tal-lum ma jkunx f'qagħda li japprezza sewwa sew x'ikun mar ħażin fil-prodott li jkun xtara.

»Interessanti wkoll iżda l-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell li:

> »"Id-*dies scientiæ* hu dak li fih jiġi definittivament aċċertat id-difett. B'danakollu, hemm żgur pont fiż-żmien li fih l-iżvilupp progressiv tal-vizzju jista' jingħad li jkun laħaq effett kumulattiv li għandu raġonevolment jgħarraf lix-xerrej bl-eżistenza tiegħu, u minn dak il-punt jibda jitqies iż-żmien tal-azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej għall-finijiet tal-art. 1481 (illum 1431) Kod. Ċiv."[2]

»L-attriċi xtrat il-vettura fis-6 ta' Jannar 2016. Wara li ħaditha għadd ta' drabi għat-tiswija għand il-bejjiegħ tagħha, irritornat il-vettura fit-28 ta' Lulju 2016, ippreżentat ittra uffiċjali fis-7 ta' Settembru 2016 u fetħet din il-kawża fis-6 t'Ottubru 2016.

»Hemm konflitt fil-ġurisprudenza dwar jekk it-terminu ta' sitt xhur impost biex tittieħed azzjoni skont artiklu 1431 tal-Kodiċi Ċivili hux wieħed ta' dekadenza jew ta' preskrizzjoni[3]. Proprjament din il-qorti m'għandhiex tidħol f'din il-kwistjoni għaliex is-soċjetà konvenuta ma tqanqalx dan il-punt u tirreferi għall-perjodu bħala wieħed ta' preskrizzjoni.

»B'danakollu, kemm jekk il-perjodu jitqies li hu ta' preskrizzjoni, kif ukoll jekk jitqies wieħed ta' dekadenza, ma jirriżultax li l-kawża saret *fuori termine.* Fl-aħjar ipotesi għall-attriċi – dik li t-terminu huwa wieħed preskrittiv – l-ittra uffiċjali interrompiet il-preskrizzjoni u għalhekk is-sitt xhur bdew jgħaddu mis-7 ta' Marzu 2016. Fl-agħar ipotesi għall-attriċi – ċjoè jekk it-terminu jitqies wieħed dekadenzjali – il-perjodu ta'sitt xhur imur lura għas-6 t'April 2016. *Sta* għall-bejjigħ li jġib il-prova li kien qabel dakinhar li x-xerrejja indunat li l-irregolarità fil-funzjonament

---

1 »Maria Rosa Baldacchino *v.* Edward Vincenti Kind *noe* 18.10.1963 Appell Kummerċjali. Ara wkoll Carmelo Buttigieg *v.* Eucharist Zammit 07.10.1997 Appell; Anton Grima *v.* Anthony Fenech *noe* 06.10.1999 – iċċitati fl-*Alfabett tal-Kodiċi Ċivili*, per. Imħ. Emeritus Philip Sciberras, Vol A. paġna 562.«

2 »Emmanuele Florian *v.* Rosario Desira 09.06.1969 Appell Kummerċjali; ara wkoll: Carmelo Dimech *v.* Francis Xuereb *et* 15.12.1997 Appell; Maria Vella *v The Manager – Tarsons Ltd* 05.07.2006 Appell Inferjuri (Għawdex).«

3 »Iżda ara b'mod partikolari Carmelo Cremona *v.* Salvatore Farrugia 01.08.1966, Appell Ċivili, fejn il-qorti qalet li l-liġi stess tirreferi għat-terminu bħala wieħed ta' preskrizzjoni kemm fil-korp tal-artiklu kif ukoll fin-nota marġinali – *Alfabett*, *voce* Azzjonijiet, *cit*., paġna 563.«

kien tali li jammonta għal difett. Iktar u iktar meta ċertu irregolaritajiet lanqas il-bejjigħ ma seta' jsib il-kawża tagħhom. Prova li s-soċjetà konvenuta ma rnexxilhiex iġġib. Iktar u iktar billi l-attriċi ma rriskontratx irregolarità waħda, imma diversi u fi żminijiet differenti. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa.

»*Mertu*:

»Il-Kodiċi Ċivili jfassal l-obbligi tal-bejjiegħ fl-artiklu 1424:

> »"Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom."

»Din id-disposizzjoni hija waħda li tinstab fl-istat oriġinali tagħha sa minn mindu ġie ppromulgat il-Kodiċi Ċivili fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, billi qatt ma ġiet emendata jew mibdula. Oriġinarjament l-artiklu 1424 kien enumerat bħala artiklu 1138. Fl-appunti tiegħu, Sir Adrian Dingli, *conditor* tal-Kodiċi, kiteb "*Sia mobili sia immobili.* Troplong 548". Jidher għalhekk li dan l-awtur kien l-uniku mudell li uża Dingli. Ma ċċita l-ebda disposizzjoni f'xi kodiċi ċivili barrani ta' dak iż-żmien.

»Jidher iżda li l-artiklu 1424 hu identiku għall-artiklu 1626 tal-Kodiċi Napoleoniku li min-naħa tiegħu kien abbozzat fuq il-kitba tal-Pothier[4].

»Dawn il-qrati stqarru li mhux faċli wieħed jistabbilixxi x'wieħed jifhem b'difett, għalkemm għamlu tentattivi f'din id-direzzjoni:

»• Borg *v.* Petroni[5] ċċitat awturi Taljani li jippuntaw għal kull ħaġa li teffettwa l-kwalità normali tal-ħaġa:

> »"In-nozzjoni teknika fordamentali ta' dak li għandu jiftehem b'vizzju jew difett tal-ħaġa mibjugħa mhix ħaġa li tista' tiġi faċil-ment stabbilita. Il-kriterju traċċjat minn Tartufari hu fis-sens li jiġi rigwardat l-istat u l-kondizzjoni objettiva tal-ħaġa individwalment kunsidrata, mingħajr konfront ma' ħwejjeġ oħra, għalkemm tal-istess speċi. Għal kull ħaġa, tkun xi tkun l-ispeċi u l-kwalità, hemm ċertu mod kif tkun dik il-ħaġa li jirrapreżenta l-istat u l kondizzjoni normali b'mod li minnu tiddependi l-attitudni tagħha għall-użu li għalih skont in-natura tagħha hija destinata, jew il-partijiet kellhom f'moħħhom fil-konklużjoni tal-kuntratt. Kull devjazzjoni li tinsab fil-ħaġa minn dak *il modo di essere* ordinarju u normali tagħha tagħmilha vizzjuża u difettuża; u għalhekk b'vizzju jew difett għandu appuntu wieħed jifhem kull anormalità jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, li tiġi riskontrata fil-ħaġa, u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudni għall-użu jew il-bontà u l-integrità tagħha … Fuq dan il-punt jaqbel Vivante li jgħid: '*I vizi sono inerenti al modo imperfetto con cui la merce fu fabbricata; … il vizio è un guasto o deperimento della merce fuori del suo stato normale*' (*Trattato di Diritto Commeciale*, Vol. IV nº 1665). F'dan l-istess sens espremiet ruħha l-ġurisprudenza, jirriżulta mid-deċiżjonijiet tat-tribunal Taljani riportati fir-*Raccolta della Giurisprudenza sul Codice Civile* (Vol, VIII, pag, 555, nº 82):- *'il*

[4] »Ara F Laurent, *Principes de Droit Civil,* Vol 24 para 277 *et seq* (1878).«

[5] »Perit Cavaliere Emmanuele Borg *v.* Carmelo Petroni noe 30.07.1953 Qorti tal-Kummerċ, ikkonfermata fl-Appell fid-29.01.1954, iċċitata fl-*Alfabett tal-Kodiċi Ċivili*, Philip Sciberras, Vol. B-C, paġni 149-150«

> *vizio o difetto redibitoro … consiste in una alterazione, un'anonalia, un guasto, un deterioramento, una manchevolezza della cosa, che alla qualità stessa tolga l'efficacia*'."

»• Lucia *v.* Chevalier[6] qalet li d-difett irid ikun wieħed gravi. Il-gravità tiġi stabbilita fuq żewġ kriterji – wieħed oġġettiv u l-ieħor soġġettiv:

> »"Da questa disposizione chairo emerge che a dar vita alla garanzia che il venditore deve al compratore pei vizi occulti della cosa venduta, occorre che tali vizi presentino una certa gravità la cui misura è determinata dalla legge in base a due criteri, l'uno obbiettivo consistente nell'assoluta inettitudine della cosa all'uso cui è destinata, ovvero nella semplice diminuzione di tale uso; l'altro soggettivo che si trae dalla presumibile intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto il vizio al tempo della compra o non si sarebbe indotto ad acquistare la cosa, oppure, acquistandola, non ne avrebbe offerto il prezzo pattuito.'

»Anke artikolu 1641 tal-*Code Civil* Franċiż[7] viġenti huwa identiku għad-disposizzjoni Maltija. Min-naħa l-oħra, l-artiklu 1490 tal-Kodiċi Ċivili Taljan viġenti (tas-sena 1940 [*recte*, 1942]) huwa simili għad-disposizzjoni Maltija iżda jneħħi r-riferenza għall-element soġġettiv[8].

»Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana[9] stabbiliet li ċ-ċirkostanza tat-tnaqqis tal-valur hija indipendenti minn dik tan-nuqqas ta' funzjonament tal-ħaġa. Fi kliem ieħor jista' jkollok ħaġa li taħdem tajjeb iżda li jkollha xi difett ieħor li jnaqqsilha l-valur.

»Fil-fehma ta' din il-qorti dan it-tagħlim jgħodd ukoll għad-disposizzjoni Maltija.

»L-istess qorti stabbiliet ukoll li l-użu li għalih hi ddestinata l-ħaġa huwa skont il-funzjoni ekonomika-soċjali tiegħu, inkella għall-funzjoni partikolari pattwita fil-kuntratt[10].

»Skont il-Laurent[11]:

»• id-deċiżjoni jekk difett jagħmilx il-ħaġa mhux addattata għall-użu li għalih tkun maħsuba, jew jekk ixekkillhiex l-użu b'mod li x-xerrej ma

---

6 »Ettore Lucia *v.* Tommaso Chevalier 21.01.1920, Appell Kummerċ XXIV.i.981; ara wkoll Giuseppe Gauci *v.* Dr Gius. Frendo Azzopardi 31.05.1929 Qorti tal-Kummerċ.«

7 »Le vendeur est tenu de la garantie à raison des défauts cachés de la chose vendue qui la rendent impropre à l'usage auquel on la destine, ou qui diminuent tellement cet usage que l'acheteur ne l'aurait pas acquise, ou n'en aurait donné qu'un moindre prix, s'il les avait connus.«

8 »Il venditore è tenuto a garantire che la cosa venduta sia immune da vizi che la rendano inidonea all'uso a cui è destinata o ne diminuiscano in modo apprezzabile il valore …«

9 »C 78/3519: "vizi ... che diminuiscano in modo apprezzabile il valore del bene (indipendentemente dalla circostanza che incidano oppure no al suo funzionamento)", oppure lo rendano inidoneo (anche se non assolutamente inutilizzabile) all'uso.«

10 »Cassazione 86/914: "oppure lo rendano inidoneo (anche se non assolutamente inutilizzabile) all'uso cui è destinato, avuto riguardo alla sua funzione economico-sociale, o alla particolare funzione prevista nel contratto" – iċċitata minn *Commentario Breve al Codice Civile*, Cian & Trabucchi 13th ed. (2018) - art. 1490 paġna 1633.«

11 »*Op. cit.* para. 280«

kienx jixtriha, jew kien joffri prezz inqas, li kieku kien jaf biha, taqa' fid-diskrezzjoni tal-imħallef[12].

»• mhux kull tnaqqis fl-użu jfisser vizzju; it-tnaqqis irid ikollu effett fuq il-kuntratt[13].

»• kien hemm qorti li qalet li m'hemmx vizzju moħbi jekk dan sem-pliċiment idejjaq lix-xerrej. Dan il-pronunzjament iżda m'għandux jitqies bħala regola tad-dritt, għaliex l-inkonvenjent ikun ta' ċerta portata, żgur li x-xerrej ma kienx jixtri jew iħallas prezz inqas[14].

»• qorti oħra – dik ta' Montpellier[15] – tabbiliet li d-difett irid ikun irri-medjabbli. Dan iżda jfisser li tkun qiegħda tiżdied kwalifika li ma tinstabx fil-liġi. It-tradizzjoni tikkontradixxi lill-qorti, għaliex skontha żiemel marid temporanjament kien ukoll jitqies milqut b'vizzju moħbi għaliex ix-xerrej jistenna li jinqeda bl-oġġett minnufih[16].

»Il-Bianca, fl-opra klassika tiegħu[17], jikteb li:

> »"Il vizio è rilevante ai fini della garanzia anche se possa essere eliminato con modica spesa. V., ad es., App. Bari 14 ottobre 1954 (*Rep. Giur. it*, 1955, *Vendita*, n. 145). Tale circostanza esclude un'apprezzabile diminuzione di valore del bene ma non esclude senz'altro la sua minorata idoneitè all'uso. V. anche Trib. Firenze, 3 dicembre 1962 (*Giur. tosc.,* 1962, 707).
>
> »"Altro discorso è se la possibilità di eliminare facilmente il vizio deponga la scarsa importanza dell'inadempimento, precludendo quindi il rimedio della risoluzione del contratto (art. 1455 cod. civ.), nel senso che non ricorrano gli estremi per l'azione di risoluzione della vendita quando il vizio di funzionamento possa essere eliminato facilmente con la sostituzione dei pezzi difettosi e con poca spesa, v. Trib. Livorno, 5 febbraio 1963 (Giur. tosc., 1963, 289)".

»Vettura li kellha difett li ġie msewwi b'mod perfett xorta waħda ġiet ikkunsidrata li kellha difett moħbi mill-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża

12 »"C'est au juge de decider en fait si le defaut rend la chose impropre à l'usage auquel on la destine, ou s'il en diminue tellement l'usage, que l'acheteur ne l'aurait pas acquise, ou n'en aurait donnait qu'un moindre prix s'il avait connu."«

13 »"Il faut que la diminution ait exerce una influence sure le contrat."«

14 »"Il a ete juge qu'un defaut n'est pas redhibitoire lorsqu'il en resulte seulement un desagrement pour l'acheteur (Caen, 22 novembre 1826 – Dalloz, au mot *Vices Redhibitoires, nº 219*; Aubry et Rau t. IV, p 387 no 355 bis). Nous ne voudrions pas eriger cette decision en regle de droit; car il est certain que, pour peu que le desagrement soit notable, l'acheteur n'aurait pas contracte ou aurait paye un moindre prix."«

15 »Montpellier, 23 febrier 1807 – Dalloz au mot *Vice Redhibitoires*, nº 67.«

16 »Il nous semble que c'est ajouter à la loi, car elle n'esige pas ce caractere de perpétuité. La tradition que la cour de Montpellier invoque, temoigne contre elle; l'edit des ediles admet l'action redhibitoire, alors meme que la maladie don't un animal est infecte ne serait que temporaire; ce que est fonde en raison, car l'acheteur acquiert pour se server immediatement de la chose; donc l'object du contrat n'est pas rempli quand, pendent un temps plus au moins long, il ne peut pas s'en server".«

17 »C. Massimo Bianca, La Vendita e La Permuta, (1972) paġna 796 nota numru 4«

f'sentenza tal-1998 li ħassret sentenza fis-sens kuntrarju mill-qorti ordinarja[18].

»*Evalwazzjoni tal-provi*:

»Il-partijiet jaqblu li tabilħaqq il-karrozza kellha d-difetti. B'danakollu l-kovenuta ma taqbilx li kien hemm kull difett allegat mill-attriċi. Min-naħa l-oħra ssostni li għamlet kull ma setgħet biex tikkuntenta lill-attriċi u saħansitra biddlet *parts* meta kull ma kien hemm bżonn kien li jsiru sempliċi aġġustamenti jew *settings.*

»L-attriċi xehdet li rikeb magħha l-imsemmi Malcolm Mallia li qabel magħha dwar l-eżistenza tal-ħsejjes; għalkemm l-istess Mallia meta xehed imminimizza l-entità tagħhom, anke jekk fuq domandi diretti u suġġestivi li sarulu mill-avukat tal-konvenuta li seta' jagħmel hekk għaliex kien qiegħed jagħmillu kontro-eżami. Jirriżulta li l-konvenuta għamlet għadd ta' *settings* fil-bagoll; biddlet partijiet mill-i*steering* (għalkemm insistiet li kull ma kellu bżonn kienet ftit lubrikazzjoni); biddlu l-molol tas-*seats*, u l-*mounting*. F'okkażjoni minnhom il-karrozza damet tliet ġimgħat għand il-konvenuta biex l-addetti tagħha jippruvaw isibu l-kawża tal-ħsejjes. L-istess ħaġa tgħodd għal impjegati oħra li ġew prodotti mill-attriċi u allura l-abbli avukat tal-konvenuta seta' liberament jagħmlilhom domandi diretti u suġġestivi in kontro-eżami, filwaqt li l-attriċi qajla setgħet tattakka l-kredibilità tagħhom għax kienu xhieda tagħha stess. Huwa minnu li l-partijiet huma marbutin bir-regoli tal-proċedura huma u jressqu l-provi tagħhom. Imma fl-aħħar mill-aħħar il-qorti trid tkun sodisfatta mill-evidenza li titressaq quddiemha skont il-liberu konvinċiment tagħha.

»Il-perit tekniku maħtur mill-qorti, minkejja li kien avżat minn din il-qorti sabiex jagħmel aċċess fil-preżenza tal-partijiet biss, mar jittestja l-karrozza mingħajr ma avża lill-attriċi biex tkun preżenti. Ma sab l-ebda difett. L-abbli avukat difensur tal-attriċi fit-trattazzjoni bil-fomm attakka bl-aħrax il-kredibilità u l-imparzjalità tal-perit tekniku kemm għaliex m'avżahx bl-aċċess, kif ukoll għal raġunijiet oħrajn. B'danakollu ma insistiex fuq il-ħatra ta' periti perizjuri, għalkemm eskuta lill-istess perit.

»Anke jekk hemm nuqqas ta' qbil dwar l-entità tad-difetti, il-qorti hija moralment konvinta li difetti kien hemm. M'hemm l-ebda indizju li l-attriċi hija xi mara mhix f'sensiha, jew, kif ngħidu bil-Malti, xi fonqla jew li tisma' ħsejjes meta fil-fatt ikun hemm is-skiet. L-attriċi hija armla li trabbi lil binha dak iż-żmien ta' ħdax-il sena li xtrat karrozza ġdida ta' ditta magħrufa u tajba u ħallsitha kollha mal-konsenja. Żgur ma kellha l-ebda motiv biex tipprova tiskapriċċa lill-konvenuta billi ġġib xi skuża biex ma tħallasx tal-karrozza jew tħallas inqas. Hija xtrat karrozza biex ikollha mezz komdu ta' transport għaliha u għal binha. Ma xtratx karrozza sekonda-man imma waħda ġdida. Min jixtri karrozza ġdida ma jistenniex li joqgħod ġej u sejjer għand il-mekkanik; jistenna li tkun kontinwament u minnufih disponibbli mingħajr ma joqgħod jaħli l-ħin. Għalhekk, minkejja ċertu konflitt fil-provi, ma jirriżultax li ħsarat ma kienx hemm. Jirriżulta min-naħa l-oħra li l-attriċi marret għadd kon-

[18] »"Juge cependent che viole les articles 1641 e 1644 l'arret qui rejette la demande en resolution de la vente des lors que le vehicule vendu a fait l'object des reparation qui le rend desormais propre à sa destination et à son usage – Cass. 1re civ., 6 oct 1998: D. 2000, somm 290, obs. Pignarre – irraportata fil-*Code Civil annotee sous la direction de Laurent Leveneur (*ippubblikat 2017), paġna 1641, *voce: Gravité de defaut*.«

siderevoli ta' drabi fuq perjodu ta' seba' xhur għand il-konvenuta minħabba li l-karrozza ma kinitx taħdem kif wieħed jistenna minn vettura ġdida fjamanta.

»Huwa minnu li tajjeb jew ħażin il-perit tekniku ma sab l-ebda difett fil-vettura meta mar jeżaminaha. B'danakollu dak li jgħodd hu l-istat tal-vettura fil-mument tax-xiri, u mhux wara. Il-konvenuta tisħaq li l-karrozza xorta waħda kienet timxi u għalhekk kienet tissodisfa l-vot tal-liġi u ċjoè kienet "tajba għall-użu li għalih hija maħsuba". Dan iżda m'huwa tal-ebda suffraġju għaliha, għaliex ma jistax jitqies li kienet tajba għall-użu kemm-il darba l-attriċi ma setgħetx issuqha kull meta kellha bżonnha għaliex kienet kostretta toqgħod tmur għand il-konvenuta biha u sadanittant tiċċaħħad mill-użu tagħha. Anke jekk tabilħaqq kienet hekk, xorta waħda ma tissodisfax il-kriterju l-ieħor – li kif rajna huwa indipendenti mill-ewwel kriterju – li d-difetti kienu tali li "jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom". Il-qorti tirreferi għat-tagħlim tal-Laurent suċċitat, kif ukoll għas-sentenzi tal-qrati tal-kassazzjoni tal-Italja u ta' Franza, fis-sens li difett li jdejjaq b'mod serju lix-xerrej huwa wkoll vizzju għall-fini tal-liġi, anke jekk ikun wieħed rimedjabbli. Ix-xenarju kien ikun differenti li kieku l-vettura ġiet imsewwija f'qasir żmien mingħajr inkonvenjent esaġerat għall-attriċi. Iżda fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma hemm l-ebda dubju li l-attriċi ma kinitx tixtri l-karrozza mingħand il-konvenuta li kieku kienet taf minn xiex kellha tgħaddi. Iktar u iktar meta lanqas biss ingħatat vettura alternattiva biex tużaha waqt li l-karrozza li xtrat kienet tkun għand il-konvenuta.

»Hemm indizju ieħor qawwi li jsaħħaħ l-allegazzjonijiet tal-attriċi. Fit-13 ta' Frar 2019 – u ċjoè fil-mori ta' din il-kawża u waqt li l-vettura kienet diġà fil-pussess tal-konvenuta – hija rċeviet *sms* mingħand il-konvenuta li l-vettura "*has been earmarked for a recall*". Kjarament, anke l-konvenuta stess irrikonoxxiet li rigward din il-vettura kien hemm *qualcosa che non va.*

»*Danni*:

»L-attriċi ħallset €17,200 li jinkludi kemm il-prezz kif ukoll ir-reġistrazzjoni tal-vettura. Dawn għandhom jiġu mrodda lura. Kull meta l-karrozza kienet għand il-konvenuta, hija kienet tinqeda b'vettura ta' membru tal-familja tagħha. Żgur li ħaqqha kumpens anke ta' dan. B'danakollu ma ġiex ikkwantifikat u għalhekk din il-qorti mhix sejra toqgħod tagħmel xi eżerċizzju spekulattiv fir-rigward.«

7. Il-konvenuta appellat b'rikors tas-6 ta' Jannar 2022 li l-attriċi wieġbet għalih fis-26 ta' Jannar 2022.

8. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, u ġie mfisser hekk:

»Jibda biex jingħad ill azzjoni *ai termini* tal-klawsola 1424 tal-Kap. 16 tidderoga mill-prinċipju generali tal-preskrizzjoni fejn it-trapass taż-

żmien jibda jiddekorri "minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi eżerċitata" (artikolu 2137 tal-Kap. 16) u d-dekors jibda jgħaddi "minn dakinhar li seta' jkun li x-xerrej jikxef dak id-difett". Kontra ta' dak li tgħid l-ewwel onorabbli qorti, huwa ferm assodat mill-qrati tagħha li t-terminu msemmi dejjem ġie rikonoxxut bħala terminu ta' dekadenza li ma huwiex soġġett għall-interuzzjoni jew sospsensjoni bħal ma jista' jiġri fil-każ ta' termini ta' preskrizzjoni.

»L-eżerċizzju ta' interpretazzjoni dwar jekk il-perijodu huwa wieħed ta' dekadenza hija importanti għar-raġuni ovvja li jekk il-perijodu hu wieħed preskrittiv estintiv ikunu japplikaw għalih il-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jippermettu l-interruzzjoni jew l-estensjoni ta' dak it-terminu permezz ta' att ġudizzjarju jew mod ieħor. Fil-każ ta' perijodu ta' dekadenza, dan ma jkunx possibbli billi t-terminu huwa wieħed perentorju u mhux prorogabbli. Għalhekk, billi l-perijodu huwa wieħed ta' dekadenza, jagħmilha diffiċli li wieħed jaċċetta li jistgħu jeżistu ċirkustanzi fejn dan it-terminu jista' jiġi interrott.

»… … …

»Minn din ix-xiehda [tal-attriċi] jemerġu tliet punti importanti rigward il-kwistjoni tal-preskrizzjoni:

»i. illi l-attriċi ma tantx kienet tuża l-vettura għax ħasset il-bżonn li tidraha. F'dan ir-rigward huwa umilment sottomess illi li kieku użat il-vettura b'mod regolari, kienet tinduna bil-ħsejjes qabel;

»ii. minkejja dan, il-ftit li kienet tuża l-vettura, spiss kienet tisma' l-ħsejjes;

»iii. minkejja li ma tantx kienet tuża l-vettura u minkejja wkoll li xorta kienet tismagħhorn ta' spiss, tgħid hi stess illi l-ħsejjes (li spiċċat tiftaħ din il-kawża dwarhom) kienu hemm mill-bidunett għalhiex, fi kliemha "... ma jistax ikun kif bdejt inbaxxi r-*radio* bdew jiġu l-ħsejjes! Bilkemm bdejt ..."

»Apparti minn dan kollu, id-data tal-kunsinna tal-vettura kif ukoll id-drabi li ttieħdet għand il-kumpannija appellanta, id-dati tal-ittri, *etc.* kollha joħorġu mill-provi li ġew preżentati u għalhekk hija l-umli sottomissjoni tal-kumpannija appellanta li l-ewwel onorabbli qorti reġgħet naqset mill-obbligu tagħha li tifli l-provi kollha u tasal għal konklużjoni infurmata. Altru minn hekk, fil-kunsderazzjonijiet tagħha taħt il-kappa tal-preskrizzjoni, il-qorti hi u tasal għall-konklużjoni tagħha biex ma tilqax l-eċċezzjoni sollevata mill-kumpannija appellanta tirreferi għal żewġ dati li minn imkien ma joħorġu mill-atti u li għadhom mistur ta' kif waslet għalihom:

> »"Fl-aħjar ipotesi għall-attriċi – dik li t-terminu huwa wieħed preskrittiv – l-ittra uffiċjali interrompiet il-preskrizzjoni u għalhekk is-sitt xhur bdew jgħaddu mis-7 ta' Marzu 2016. Fl-agħar ipotesi għall-attriċi – ċjoè jekk it-terminu jitqies wieħed dekadenzjali – il-perjodu ta'sitt xhur imur lura għas-6 t'April 2016.

»Tenut kont ta' dan kollu, hija l-umli sottomissjoni tal-kumpannija appellanta illi l-azzjoni tal-attriċi saret *fuori termine* u, għaldaqstant, għandha tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata mill-kumpannija appellanta.«

9. Id-distinzjoni li trid tagħmel l-appellanti bejn "dakinhar li din l-azzjoni [*sc.* redibitorja] tista' tiġi eżerċitata" u "dakinhar li seta' jkun li x-xerrej jikxef dak id-difett" hija artifiċjali, appuntu għax l-azzjoni tista' tinbeda minn dakinhar li jinkixef, jew seta' jinkixef, id-difett.

10. L-argument imbagħad illi l-attriċi kienet tinduna bid-difett tal-ħsejjes qabel ma fil-fatt intebħet bih li kieku ma qagħditx tisma' r-radju huwa mġebbed. Id-data meta nstemgħu jew setgħu jinstemgħu l-ħsejjes mhix neċessarja-ment id-data meta seta' jkun magħruf illi d-difett huwa wieħed gravi biżżejjed biex jitqies redibitorju. Kif sewwa osservat l-ewwel qorti, mhux kull difett huwa redibitorju, u, jekk ix-xerrrej jista' raġonevolment jemmen illi d-difett huwa wieħed żgħir illi jista' jissewwa, bil-fatt li jintebaħ b'difett bħal dak ma jibdiex igħaddi kontrieh it-terminu ta' dekadenza. Meta iżda jibda jitfaċċja difett wara ieħor is-sitwazzjoni tinbidel. F'dan il-kuntest issir relevanti l-osservazzjoni magħmula mill-appellanti stess fir-rikors tal-appell meta tagħmel esposizzjoni tal-fatti u tgħid hekk:

> »L-aħħar darba li l-attriċi appellata ħadet il-vettura għand il-kum-pannija appellanta kien fit-28 ta' Lulju 2016 iżda baqgħet biex ma ġabritx il-vettura meta din kienet lesta biex tinġabar fit-18 t'Awwissu 2016.«

11. Sat-28 ta' Lulju 2016 il-konvenuta kienet għadha temmen – jew, forsi aħjar, kienet imwebbla mit-tekniċi tal-konvenuta biex temmen – illi d-difetti setgħu jissewwew, tant illi ħadet il-vettura għat-tiswija. Meta iżda rat illi l-konvenuta ħadet bejn it-28 ta' Lulju u t-18 ta' Awwissu biex issewwi d-difett, isir raġonevoli li tibda tasal għall-konklużjoni illi d-difett ma huwiex wieħed tant żgħir jekk il-konvenuta, attrezzata bl-apparat meħtieġ u tekniċi kompetenti, ħadet tliet ġimgħat biex issewwih.

12. Il-qorti għalhekk temmen illi n-natura redibitorja tad-difett saret evidenti xi żmien bejn it-28 ta' Lulju u t-18 ta' Awwissu 2016. Il-kawża nfetħet fis-6 ta' Ottubru 2016, u għalhekk ukoll jekk nieħdu l-ewwel data – it-28 ta' Lulju 2016 – il-kawża nfetħet ampjament fiż-żmien li tagħti l-liġi.

13. Dwar il-kumment tal-konvenuta illi d-dati tas-7 ta' Marzu 2016 u tas-6 ta' April 2016 "minn imkien ma joħorġu mill-atti", il-qorti tosserva illi huwa minnu illi l-ittra ġudizzjarja saret mill-attriċi fis-7 ta' Settembru 2016 u mhux fis-7 ta' Marzu 2016 kif tgħid l-ewwel qorti. Dan il-fatt iżda ma għandux relevanza għax xorta ma għaddewx sitt xhur bejn meta nkixfet in-natura redibitorja tad-difett u meta nfetħet il-kawża. Id-data tas-6 ta' April 2016 ukoll ma għandhiex relevanza peress illi, kif imfisser fuq, din il-qorti temmen illi d-data relevanti ma hijiex aktar kmieni mit-28 ta' Lulju 2016.

14. L-aggravju dwar il-preskrizzjoni huwa għalhekk miċħud.

15. It-tieni aggravju jolqot id-deċiżjoni dwar in-natura redibitorja tad-difett, u ġie mfisser hekk:

> »Il-kumpannija appellanta tħossha aggravata bld-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti *stante* illi bażi tas-sejba li l-vettura hija milquta mid-difetti moħbija hija żbaljata. Hija l-fehma umli tal-kumpannija appellanta, u dan dejjem skont l-interpretazzjoni li l-qrati taw għall-artikolu 1424 tal-Kap. 16, li l-vettura, għalkernm kellha xi *settings* li kellhom bżonn li jsiru, ma kinitx milquta bid-difetti moħbija fil-grad rikjest. Dan il-każ huwa wieħed fejn, għajr għar-radju, li kellu jinbidel minħabba difett fil-manifatturar tiegħu (li ma jissodisfax xorta waħda r-rekwiżiti ta' difett moħbi), l-attriċi appellata ffissat li l-vettura kellha l-problemi sakemm fl-aħħar splċċat tumbraha.
>
> »Bla ebda dubju, kien hemm numru ta' lmenti mill-attriċi appellata imma l-kwistjoni kollha hi jekk dawn l-ilmenti jistgħux iwasslu għal konklużjoni li l-vettura kienet afflita bid-difetti moħbija. L-umli fehma tal-kumpannija appellanta hija illi dan żgur mhux każ ta' difett moħbi, u meta tagħsar l-ilmenti li kellha l-attriċi appellata tant kienu negliġibbli (kif ampjament ippruvat), li t-*technicians* tal-kumpannija li ħadmu fuq il-

vettura, uħud minnhom b'aktar minn għaxar snin u anki għoxrin sena esperjenza, kellhom diffikultà jsibuhom tant illi ma kellhom ebda għażla hlief li jeliminaw oġġett oġġett, b'*trial and error*, biex forsi jsibu minn fejn kienu ġejjin.

»Dan m'għandux jiftehem bħala li l-kumpannija appellanta b'xi mod qed tgħid illi ma kellhiex l-obbligu li tispezzjona l-vettura u tara li kollox kien kif suppost; anzi, kull meta l-attriċi appellata ħadet il-vettura għandha, dejjem qdietha bl-inqas inkonvenjent possibbli. Minkejja dan, il-kumpannija appellanta ma kellha ebda kontrol fuq kemm-il darba l-attriċi appellata ħadet il-vettura għax din donnha trid tagħti l-impressjoni illi l-fatt illi kellha tieħu l-vettura numru ta' drabi kien min-ħabba xi nuqqas min-naħa tal-kumpannija appellanta. Anzi, l-kumpannija marret lil hinn mill-obbligi tagħha u, minflokk inidirizzat l-ilmenti tal-attriċi appellata bil-minimu rikjest minnha u bagħtitha lura (li kien ikun biżżejjed *ai termini* tal-garanzija), marret *oltre* u biddlet il-*parts* biex l-attriċi appellata tkun moħħha rnistrieh. Il-fatt li l-appellata ħadet il-vettura, minjeddha, diversi drabi għand il-kumpannija appellanta ma jfissirx illi kienet milquta bid-difetti molibija.

»… … …

»Il-klawsola tal-liġi in kwistjoni tintroduċi żewġ aspetti għall-eżami ta' eżistenza ta' difett moħbi li, min-naħa waħda hija oġġettiva ("… illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba …"), u, min-naħa l-oħra, dik soġġettiva ("… li jnaqqsu daqshekk ll-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha"). Skont it-tagħlim tal-qrati, dan ifisser illi, biex ikun hemm lok għall-azzjoni bbażata fuq il-garanzija tal-*actio redhibitoria*, jeħtieġ li d-difett ikun ta' ċerta gravità relativa għall-ħaġa mibjugħa u għall-prezz imħallas għaliha. … … …

»… … …

»Għalkemm it-test tal-ligi huwa fl-alternattiv ("… mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur …"), … it-tnejn li huma għandhom jiġu kkunsidrati f'każ bħalma huwa dan. Minkejja dan, l-ewwel u qabel kollox (kif huwa wkoll loġiku), il-qorti trid tkun konvinta oġġettivament illi d-difett moħbi verament jeżistl u jrendi l-ħaġa mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba qabel ma tipproċedi biex tara x'kien jagħmel ix-xerrej (ċjoè t-test soġġettiv). F'dan il-każ, l-ewwel qorti missha l-ewwel daħlet fil-mertu tad-difetti lamentati mill-appellata billi qieset il-provi, inkluż ir-rapport peritali (eżerċizzju li jidher li ġie skartat kważi għal kollox), imbagħad rat x'kienet tagħmel l-appellata li kieku kienet taf bid-difetti, fuq il-bilanċ tar-raġonevolezza. Li kieku għamlet hekk, l-eżitu kien ikun ferm differenti.

»… … …

»… … … Fil-fatt, u indipendentement minn dak li kien jagħmel ix-xerrej (li kieku ma kienx jixtri l-oġġett jew kien joffri prezz iżgħar), it-teorija legali li żvolġiet lokalment matul iż-żmlen titlob li l-konvinċiment tal-qorti għandu jiġi stabbilit, qabel kollox, fuq dawn it-tliet elementi:

»i. id-difett fl-oġġett mixtri u, fuq kollox, li dan id-difett kien moħbi;

»ii. li dan id-difett kien wieħed serju u ta' ċerta gravità;

»iii. li kien pre-eżistenti għall-bejgħ jew eżistentl fil-mument tal-bejgħ.

»Meta l-ħaġa mibjugħa timmanifesta għax-xerrej ordinarjament attent difett jew traċċi li jindikaw l-eżistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wieħed apparenti. Għalhekk, wieħed mill-ingredjenti li għandu jirrikorri sabiex tirnexxi l-*actio redhibitorja* hija li d-difetti li minnhom qed tilmenta l-attriċi appellata f'dan il-każ kienu ma jidhrux fiż-żmlen tal-bejgħ tal-vettura. Fi kliem ieħor, id-difetti jridu jkunu tali li anki eżami serju u magħmul bid-diliġenza normali, xorta waħda tkun teżisti l-impossibilità li jiġu skoperti. Il-kumpannija appellanta tikkontesta bil-qawwa l-fatt illi kien hemm difetti fil-vettura u anki kieku, *dato ma non concesso*, l-ilmenti tal-attriċl appellata kellhom jitqiesu bħala difetti, ċertament ma jilħqux ii-grad rikjest tal-gravità u serjetà.

»… … …

»Biex tmexxi t-talba tagħha, l-attriċi appellata esaġġerat il-fatti u l-esperjenzi li kellha bil-vettura u pinġiet stampa inveritiera ta' dak li ġara. … … … per eżempju, meta … l-attrlċi appellata lamentat li:

> »"hekk kif għadda ftit ta' żmien mix-xiri, r-rikorrenti bdiet tesperjenza ħsarat strambi fl-imsemijja vettura. Ma baqax jaħdem ir-radju, il-*bumper* beda jagħmel ħsejjes kbar, is-*seats* bdew jiċċaqalqu, l-i*steering* żviluppatlu ħsara u bosta ħsarat oħra li, għalkemm bdew momentarjament jissewwew, xorta waħda bdew jerġgħu jirrepetu rwieħom il-ħsarat."

»Meta tikkumpara dak li qed jintqal ma' dak li rrizulta wieħed isib illi:

»i. "ħsarat strambi" – tintuża biex tikkreja sembjanza ta' sensazzjonalizrnu u misteru meta, fil-kuntest tal-paragrafu kollu kif ukoll tal-provi li eventwalment ġew prodotti, mhuwiex ċar għalfejn hemm il-kelma "strambi" meta ma kien hemm xejn stramb dwar l-allegati difetti;

»ii. "ir-radju ma baqax jaħdem" – eżempju wieħed ta' ineżattezza b'element ta' fatt. Ir-radju ma kienx qed jaħdem sew għax kien jaqta' u jerġa' jixgħel. Filfatt dan kien inbidel u mingħajr spiża għall-attriċi u qatt ma rega' rrepeta ruħu;

»iii. "*bumper* beda jagħmel ħsejjes kbar" – eżampju ta' *red herring* u esaġġerazzjoni meta wieħed iqis li fl-ebda mument ma ħareġ illi kien hemm xi problema ta' ħsejjes ġejjin mill-*bumper* (wisq anqas ħsejjes kbar) tal-vettura. Anzi, meta mistoqsija l-appellata in kontro-eżarni dwar x'kienu dawn il-ħsejjes, kienet sorpriża u ma kinitx taf dwar dawn il-ħsejjes;

»iv. "is-*seats* bdew jiċċaqalqu" – eżempju ieħor ta' esaġġerazzjoni meta l-impressjoni li tingħata hija li l-problema kienet waħda iktar allarmanti milli kienet. Fil-verità, il-kwistjoni kienet dwar *seat* wieħed (ta' wara) minn fejn kienet ġejja żaqżieqa żgħira meta (i) jpoġġi xi ħadd fih, u (ii) meta l-vettura tinstaq f'toroq imħarbtin. Tant kien irqieq dan il-ħoss illi apparti l-ammont ta' drabi li t-tekniċi kellhom jgħaddu minn ġo triq imħarbta biex jippruvaw jisimgħuha, l-attriċi appellata stess ħasbitha ġejja mill-bieba ta' quddiem tan-naħa tal-passiġġier u kienet titfi r-radju biex tipprova tismagħha;

»v. "l-i*steering* żviluppatlu ħsara" – eżempju ta' *red herring* ieħor u sensazzjonaliżmu biex forsi turi li l-vettura ma setgħetx tinstaq? L-i*steering* ma kellu xejn u, fil-fatt, xejn ma nbidel fl-i*steering*, lanqas biss jirriżulta mill-*jobsheets* li ġew preżentati. L-unika *part* li ġie

viċin (u li sabu li kull ma kien huwa nuqqas ta' lubrikazzjoni) kienu t-*top mounts* li jagħmlu parti mis sospensjoni ta' karrozza;

»vi. "bdew momentarjament jissewwew, xorta waħda bdew jerġgħu jirrepetu rwieħom" – eżempju ieħor ta' *red herring* u, din id-darba, dikjarazzjoni falza. Kull ilment li kellha l-attriċi appellata ġie indirizzat u qatt ma rrepeta ruħu, Fix-xiehda tagħha l-attriċi tikkonferma illi hawn qed tirreferi għal ħoss li kien ġej mis-*seat* ta' wara. Meta ġiet mgħafsa ikkonfermat il-ħsieb tal-kumpannija appellanta li ma kienx każ li kien qed jirrepeti ruħu imma, fi kliemha stess - "… sakemm sibna ż-żaqżieq li ġej mis-*seats* ta' wara …". Wara li nstab minn fejn kien ġej il-ħoss, ma reġax irrepeta ruħu.

»Ir-*red herrings* u l-ineżatezzi ma spiċċawx hawn. Fl-20 ta' Marzu 2019, l-attriċi appellata ppreżentat nota' b'kopja ta' *sms* li kienet irċeviet fit-13 ta' Frar 2019 mill-kumpannija appellanta fejn ġiet informata li kien hemm *recall* fuq il-vettura. Apparti l-fatt illi kien ġie ddikjarat li l-provi kienu ngħalqu kważi sena qabel fit-22 ta' Mejju 2018, l-attriċi lanqas biss kienet indenjat ruħha tara dwar xiex kien dan ir-*recall*. Agħar minn hekk, imma, huwa li l-ewwel onorabbli qorti straħet fuq din il-prova biex tillaxka d-difiża tal-kumpannija appellanta u ssaħħah il-konvinċiiment tagħha li l-vettura kienet afflita bid-difetti moħbija. Għall-ewwel onorabbli qorti dan kien biżżejjed biex juri li l-kumpannija appellanta "… irrikonoxxiet li rigward din il-vettura kien hemm *qualcosa che non va*". Il-messaġġ minnu nnifsu huwa wieħed ġeneriku li jkun ħareġ lis-sidien kollha li għandhom l-istess għamla ta' vettura bl-istess *part* li kien soġġett għar-*recall*. Minbarra dan, persuna m'għandhiex bżonn tkun xi espert fil-karozzi biex taf illi *recalls* ġieli jsiru, anki fuq karozzi li jiswew ħafna flus, u l-fatt illi jeżisti l-kunċett u l-proċess ta' *recall* għandu jkun biżżejjed fih innifsu biex juri li dan huwa mezz li bih tiġi indirizzata xi irregolarità mill-manifattur mingħajr il-ħtieġa li jieħu l-vetturi lura u jirrifondi kull min ikun milqut bir-*recall*.

» … … … L-emfasi tal-argument tal-attriċi appellata dwar l-allegati difetti tiċċentra fuq l-ammont ta' *jobsheets* li nħarġu fuq il-vettura u li ġew eżebiti mill-attriċi appellata kif ukoll in-numru ta' drabi li kellha tieħu l-vettura għand il-kumpannija appellanta minħabba xi problema. Qabel kollox, mill-provi jirriżulta li *jobsheet* jinħareġ awtomatikament mill-kumpannija appellanta kull darba li klijent imur għandha biex jieħu servizz. Dan ifisser illi jekk *mettiamo caso* l-attriċi appellata riedet tmur kuljum u tivvinta lment fejn jeħtieġ li l-vettura tiġi spezzjonata mit-tekniċi tal-kumpannija appellanta, kien jinħareġ *jobsheet* kuljum b'des-krizzjoni tal-ilment taghha biex din tiġi kkomunikata lit-tekniċi li mbagħad jispezzjonaw il-vettura. Għaldaqstant, kull ma jiswa għalih il-*jobsheet* huwa biex juri (i) meta marret l-attrici appellata; u (ii) x'qalet li kien fiha l-vettura.

»*Jobsheets* hemm ħamsa b'kollox. Apparti minn dawn il-ħames *jobsheets*, huwa fatt mhux ikkontestat illi kien hemm xi darbtejn oħra meta l-appellata marret dirett għand id-dipartiment tas-*sales* mingħajr ma nħareġ *jobsheet* u dawn kienu meta marret minħabba l-biċċa plastik żgħira li kienet inqalgħet fejn il-marka tar-*Renault* fuq in-naħa ta' quddiem u meta marret l-ewwel darba. Li huwa kkontestat hu li, kuntrarju għal dak li tgħid l-appellata, dawn il-*jobsheets* ma jurux il-veru stampa u l-istat tal-vettura imma dak biss lamentat mill-attriċi appellata. … … …

»… … …

»Minn eżami tal-ilmenti kollha li kellha l-attriċi appellata, jirriżulta li l-iktar problematiċi biex jinstabu kienu dawk il-ħsejjes li kienu tant irqaq illi riedet tmur għand il-kumpannija appellanta aktar minn darba. Hi tgħid li kienu qed jirrepetu ruħhom imma, kif fil-fatt irriżulta mill-provi, il-problema kienet waħda ta' diffikultà ta' lokalizzazzjoni tal-ħoss. Per eżempju, l-iment li kellha dwar il-ħsejjes ġejjin mit-tieqa, it-*top mounts* u l-*courtesy light* ġew solvuti mill-ewwel mentri dawk li kienu ġejjin mis-*seat* ta' wara u t-*tailgate* damu ftit aktar. Barra minn hekk, it-*tailgate stoppers*, per eżempju huma speċifikament magħmulin biex jiġu ssettjati. Fi kliem l-espert tekniku:

> »"The stoppers, closing gap adjusters serve the function of keeping the tailgate tight while closed, these control/keeps the gate tight to the vehicle frame. It holds it from moving up and down when it is locked. These are usually made of rubber and are adjustable.
>
> »"The gate was checked and it did not produce any noise when tested.«

»Fil-każ tal-ħoss li kien hemm fis-*seat* ta' wara kien hemm bżonn ukoll li jkun hemm persuna bilqiegħda fuq is-*seat* biex jinstema' xi ħaġa. Apparti minn dawn, kien hemm ilment ukoll li l-vettura ġieli ma tistartjax imma dan qatt avvera ruħu fit-testijiet li saru (anki wara li t-tekniċi tal-kumpannija appellanta kienu għamlu dijanjosi tagħha bil-kompjuter). L-espert ukoll kien ipprova jara billi tefa u startja l-vettura numru ta' drabi mingħajr ebda problema (meta tqis ukoll illi kienet ilha wieqfa iktar minn tliet snin).

»L-attriċi appellata ma rnexxilhiex ukoll tipprova s-serjetà u l-gravità ta' l-ilmenti tagħha sal grad rikjest. Għajr għar-radju, l-*headrest*, u l-biċċa plastik ta' fejn il-marka fuq in-naha ta' quddiem, is-soluzzjoni kien dejjem kwistjoni ta' *setting* u, fil-każ tat-*top mounts*, lubrikazzjoni. Minkejja dan, tant il-kumpannija appellanta riedet tikkuntenta lill-appellata, li kienet saħansitra biddlet il-*parts* b'xejn u bħala prekawzjoni biex żgur tkun moħħha mistrieħ li l-ħsejjes ma kinux ser jirrepetu ruħhom kif fil-fatt gara. Minkejja kull sforz li għamlet il-kumpannija appellanta, l-attriċi appellata kienet daħħlet f'moħħha li kull darba li kienet ser tuża l-vettura kienet ser tinqala' xi ħaġ'oħra. B'dak ir-raġunarnent, tagħmel x'tagħmel il-kumpannija appellanta, l-appellata qatt ma kienet ser tkun kuntenta u moħħha mistrieħ.

»Il-*parts* tal-vettura li nbidlu ma kinux difettużi. Fi kliem Clayton Gatt, dawn kienu nbidlu biss bħala prekawzjoni biex l-ilment jiġi indirizzat u "tkun imsewwija darba għal dejjem". … … …

»… … …

»Il-problema l-oħra li kellhom it-tekniċi ta' l-*Auto Sales* (u fattur ieħor li wassal lill-attriċi appellata biex tmur għand *Auto Sales* diversi drabi tilmenta dwar l-istess ħaġa) kien li tant kienu rqaq il-ħsejjes, illi kellhom isiru diversi testijiet biex il-ħoss jigi lokalizzat. Dan ġara kemm fil-kaz tal-*courtesy light* kif ukoll, u b'mod partikolari, bil-ħoss li kien hemm fis-*seat* ta' wara. … … …

»… … …

»Min-naħa l-oħra, Malcolm Mallia jiddiskrivi l-ħoss tal-*courtesy light* bħala wieħed baxx għal baxx ħafna. Jispjega illi kellhom jużaw apparat speċjali li titqabbad mal-parti tal-karrozza fejn hemm suspett minn fejn ġej il-ħoss u din tamplifika l-ħoss u tindika minn fejn ikun ġej. Meta użaw dan l-apparat, xorta waħda damu biex isibu minn fejn kien ġej. Dwar il-ħoss li kien ġej mis-*seat* ta' wara, Mallia jgħid illi biex skoprew minn fejn kien ġej kellhom jgħaddu minn triq imħarbta (mhux darba jew tnejn imma disa' darbiet) u mbagħad skoprew li l-ħoss jiġi meta jkun hemm persuna tisserraħ mad-dahar tas-*seat*. Fil-każ tal-appellata, hi tgħid illi kienet tisma' l-ħoss meta ommha kienet tkun bilqiegħda fuq is-*seat* ta' wara.

»Fit-trattazzjoni tiegħu d-difensur tal-attriċi appellata jipprova jistilla d-dubju dwar il-veritenza tax-xiehda tal-impjegati tal-kumpannija appellanta li tella' hu stess peress illi jikkoroboraw lii xulxin u jikkuntrastaw mal-verżjoni tal-appellata. Ir-raġuni għal dan, igħid hu, hija li dawn l-individwi huma impjegati mal-kumpannija appellanta u jħossuhom obbligati meta jixhdu f'każ tal-prinċipal tagħhom". L-ewwel onorabbli qorti talludi għal dan fis-sentenza tagħha, għalkemm m'huwiex ċar eżatt fejn riedet tasal b'din il-kunsiderazzjoni meta qalet:

> »"L-attriċi xehdet li rikeb magħha l-imsemmi Malcolm Mallia li qabel magħha dwar l-eżistenza tal-ħsejjes; għalkemm l-istess Mallia meta xehed imminimizza l-entità tagħhom, anke jekk fuq domandi diretti u suġġestivi li sarulu mill-avukat tal-konvenuta li seta' jagħmel hekk għaliex kien qiegħed jagħmillu kontro-eżami. … … … L-istess ħaġa tgħodd għal impjegati oħra li ġew prodotti mill-attriċi u allura l-abbli avukat tal-konvenuta seta' liberament jagħmlilhom domandi diretti u suggestivi in kontro-eżami, filwaqt li l-attriċi qajla setgħet tattakka l-kredibilità tagħhom għax kienu xhieda tagħha stess. Huwa minnu li l-partijiet huma marbutin bir-regoli tal-proċedura huma u jressqu l-provi tagħhom. Imma fl-aħħar mill-aħħar il-qorti trid tkun sodisfatta mill-evidenza li titressaq quddiemha skont il-liberu konvinċiment tagħha."

»Minkejja l-provi kollha li kellha quddiemha, l-ewwel onorabbli qorti iddeċidiet (fuq bazi ta' "konvinċiment morali") illi difetti kien hemm "Anki jekk hemm nuqqas ta' qbil dwar l-entità" tagħhom. Difetti ma kienx hemm għax l-ilmenti li kellha l-attriċi appellata żgur ma jissodisfawx ir-rekwiżit tal-gravità meħtieġa biex tkun tista' tirnexxi din l-azzjoni. Biex difett ikun gravi ried almenu jkun għadu preżenti meta l-espert mar jispezzjona l-vettura iktar minn tliet snin wara li ġiet iddepożitata; biex ikun gravi, l-appellata kellha almenu tipprova kif dan id-difett attakka l-użu tal-vettura u mhux għax beżgħet imma għax ġiet prekluża minħabba li kien hemm difett anki li kieku riedet li, di fatti, u bl-ammissjoni tal-attriċi appellata stess, qatt ma manifesta ruħu.

»… … …

»Li dejqitha l-vettura ma jfissirx illi kienet difettuża. Skont it-tagħlirn ta' din l-onorabbli qorti stess, biex nuqqas f'ħaġa jitqies bħala difett, jeħtieġ li jkun "anormalità jew imperfezzjoni, gwast jew avarija li tiġi riskontrata fil-ħaġa u li, aktar jew anqas, tneħħilha l-attitudini għall-użu jew il-bontà jew l-integrità tagħha". Apparti minn hekk, li huwa stabbilit ukoll huwa li l-piż tal-prova li d-difett kien wieħed moħbi jaqa' fuq l-

attur xerrej u, jekk ikun hemm dubju, dan imur favur il-bejjigħ imharrek"[19].

»Jibqa' biex jingħad li l-ewwel onorabbli qorti naqset b'mod stra-ordinarju fl-apprezzament tagħha ta' (i) jekk id-difetti lamentati kinux veru difetti; u (ii) jekk dawn kinux serji u ta' ċerta gravità; u (iii) kinux ukoll wara kollox jeżistu, però moħbija, fil-mument tal-akkwist. Il-kum-pannija appellanta umilment tirritjeni illi (i) l-ilmenti tal-attriċi appellata ma jikkostitwixxux difetti kif rikjest *ai termini* tal-artikolu 1424 tal-Kap. 16, tant hu hekk illi maġġoranza tagħhom kienet kwistjoni ta' *setting*; u (ii) illi anki kieku kellhom jitqiesu bħala difetti, ċertament ma kinux ta' natura gravi biżżejjed għas-sempliċi raguni li kieku kienu jkunu għad-hom hemm meta l-espert tekniku mar jispezzjona l-vettura. Il-fatt li ma kinux juri minnu nniffsu u b'mod oġġettiv li ma kinux ta' natura gravi.«

16. Naraw qabel xejn x'kienu d-difetti li lmentat minnhom l-attriċi. Meta xehdet fit-28 ta' Novembru 2016 l-attriċi semmiet dawn:

i. l-emblema tal-marka tal-vettura; din ma kinitx imwaħħla sew u kellha tinbidel;

ii. ir-radju ma kienx jaħdem sew; għall-ewwel it-tekniċi tal-kon-venuta ħasbu illi kull ma kien meħtieġ kien li jirranġaw is-*settings* iżda d-difett baqa' hemm u wara żewġ tentattivi jew tlieta ta' tiswija eventwalment ir-radju kellu jinbidel;

iii. żaqżieq fuq wara; iż-żaqżieq fuq wara damu xi ftit biex identi-fikaw mnejn ġej u eventwalment sewwewh billi bidlu l-molol tas-*seat* ta' wara, kif tgħid l-attriċi, jew il-*hinges* kif igħid l-impjegat tal-konvenuta li ħadem fuq din il-ħaġa[20]. L-attriċi iżda tgħid illi biex għamlu dan ix-xogħol is-*seat* ma reġgħux qegħduh sewwa u l-*headrests* kellhom "boċċa 'l hawn u boċċa 'l hawn"[21];

---

[19] »Ara Mark Farrugia *et v.* Michael Arthur Williams *et,* Prim'Awla, deċiża 28 ta' Jannar 2005.«

[20] *Fol.* 58 *et seq.*

[21] *Fol.* 45

iv. ħoss fuq quddiem tal-vettura; il-ħoss fuq quddiem milli jidher damu xi ftit aktar biex sabu tarf tiegħu. Meta l-attriċi reġgħet ħadet il-vettura għand il-konvenuta biex jaraw x'setgħu jagħmlu biex jeliminaw dan il-ħoss il-vettura damet għandhom tliet ġimgħat. Meta rat hekk l-attriċi iddeċidiet li ma riditx karrozza li kull ftit ġimgħat ikollha tmur għand il-konvenuta b'xi lment jew ieħor u għalhekk mexxiet b'din il-kawża;

v. kien hemm xi problema bl-i*steering wheel* iżda l-attriċi ma fissrittx x'kien l-ilment tagħha dwar dan, iżda Malcolm Mallia, *workshop administrator* tal-konvenuta, ikkonferma illi meta ddawwar l-i*steering wheel* jinstema' jfaqqa' u nbidel "bħala *pre-caution*", għax fil-fehma tiegħu li jingħata *lubrication* kien ikun biżżejjed[22]. Minn din ix-xiehda jidher illi din il-parti tal-vettura ħarġet mill-fabbrika b'nuqqas ta' *lubrication*.

17. Barra minn dawn l-ilmenti li l-attriċi xehdet dwarhom fit-28 ta' Novembru 2016, hemm ukoll dawn li jidhru fuq *job sheets* maħruġa mill-konvenuta[23]:

i. "*headrest upholstery peeling off*";

ii. "*rear noise is being heard from tailgate*";

iii. "*sometimes the vehicle does not start immediately*".

18. Ma' dawn għandu jiżdied ukoll il-fatt illi fit-13 ta' Frar 2019 saret *recall* tal-vetturi tal-marka tal-attriċi, presumibbilment mill-*manufacturer*.

---

22 *Fol.* 97 *et seq.*

23 *Fol.* 24 *et seq*

19. Għalkemm il-konvenuta tikkummenta dwar il-ħtieġa li d-difett irid ikun jeżisti u moħbi fil-waqt tal-bejgħ, l-aggravju tagħha ma jolqotx tant dawn l-elementi iżda jolqot il-kwistjoni jekk kienx hemm tassew difett, u l-element tal-gravità tad-difett. L-appellanti naturalment tfittex li timminimizza n-nuqqasijiet li nstabu fil-vettura, u tgħid illi t-tiswijiet li saru u l-*parts* li nbidlu kienu biss biex jikkuntentaw lill-attriċi, u mhux għax kien hemm tassew bżonn li jsir hekk. F'dan hija avallata mix-xiehda tan-nies tagħha. Għandu jingħad, iżda, illi dak li qalet l-ewwel qorti – u li dwaru ikkummentat ukoll il-konvenuta fir-rikors tal-appell – illi t-tekniċi tal-konvenuta, għax kienu xhieda tal-attriċi, setgħu jsirulhom, kif fil-fatt sarulhom, "domandi diretti u suġġestivi … mill-avukat tal-konvenuta" fil-kontro-eżami, ma jibdilx il-fatt illi, għalkemm formalment xhieda tal-attriċi, dawn fil-verità kienu xhieda illi l-lealtà tagħhom kienet mal-konvenuta li magħha huma impjegati. U xejn ma għen biex isaħħaħ il-kredibilità tagħhom il-fatt illi l-konvenuta approfittat ruħha mis-sitwazzjoni biex tagħmlilhom "domandi diretti u suġġestivi"; kienet tkun aktar għaqlija l-konvenuta li kieku mxiet b'aktar lealtà u korrettezza.

20. Meta tiġi biex tqis il-gravità tad-difetti, trid tqis ukoll, b'żieda ma' dawk l-elementi korrettement identifikati fis-sentenza appellata, il-fatt illi l-ħaġa mibjugħa kienet ġdida. Mod issib nuqqasijiet f'karrozza mixtrija użata u mod issib difetti f'karrozza ġdida: dak li "jgħaddi" fl-ewwel każ mhux bilfors igħaddi wkoll fit-tieni każ. Ħaġa "ġdida msewwija" ma hijiex l-istess bħal ħaġa "ġdida". Sewwa osservat l-ewwel qorti illi "Vettura li kellha difett li ġie msewwi b'mod perfett xorta waħda ġiet ikkunsidrata li kellha difett moħbi".

Meta tħallas 'il fuq minn sbatax-il elf ewro għal karrozza ġdida tistenna "karrozza ġdida" u mhux "karrozza ġdida msewwija".

21. Ukoll, ma huwiex minnu dak li qalet il-konvenuta fir-rikors tal-appell illi, għax il-karrozza xorta tista' tintuża, mela kull difett li jista' jkun hemm ma huwiex wieħed redibitorju. Li vettura għal raġunijiet oġġettivi u mhux minħabba fittaġni żejda "ddejqek" meta ssuqha ma tistax tgħid illi hi vettura li xorta kont tixtriha, bħala ġdida, bl-istess prezz li kieku kont taf b'dawk il-fatturi meta ġejt biex tixtriha.

22. Trid tqis ukoll illi l-gravità tista' tkun mhux biss fil-kwalità tad-difett iżda wkoll fin-numru ta' difetti li meta jissewwa wieħed jitfaċċa ieħor, u qatt ma taf jekk l-aħħar difett li ssewwa kienx tassew l-aħħar wieħed. Jista' jkun illi numru ta' difetti, li, meħuda wieħed wieħed, ma jkunux daqshekk gravi, meta meħuda flimkien – u li biex jissewwew ikollok tiċċaħħad mill-użu tal-vettura kull darba – isiru gravi biżżejjed biex joħolqu s-suspett illi l-vettura hija dik li fit-terminoloġija anglo-amerikana tissejjaħ "*lemon*" – suspett illi jissaħħaħ meta l-bejjiegħ stess igħidlek illi l-vettura "*has been earmarked for a recall*"!

23. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta tipprova timminimizza l-gravità ta' *recall* billi tagħmel osservazzjonijiet ġeneriċi – għax "*recalls* ġieli jsiru" – li iżda ma humiex imsaħħa bi provi konkreti. L-anqas li kellha tagħmel hu li tgħid x'kienet ir-raġuni tar-*recall* u mhux tipprova taħrab minnha billi tgħid illi kopja tar-*recall notice* ġiet preżentata wara li ngħalaq il-ġbir tax-xiehda meta fil-fatt ma setgħetx tiġi preżentata qabel għax inħarġet fit-13 ta' Frar

2019 u ddaħħlet fl-att b'nota tal-20 ta' Marzu 2019[24]. *Recalls* ma jsirux għalxejn u anzi jsiru meta hemm xi nuqqas li jista' jkun ta' perikolu[25]. Kien fuq il-konvenuta l-oneru li turi li f'din l-okkażjoni partikolari r-*recall* saret – kontra dak li soltu jsir – għal ħaġa minima, iżda dan ma għamlitux.

24. Meqjusa dawn il-fatturi kollha – il-mutipliċità tad-difetti li bdew jitfaċċjaw wieħed wara l-ieħor; il-fatt li nstab nuqqas ta' *lubrication* fl-i*steering wheel*, li jagħtik x'taħseb, meta tqis li kienu jinstemgħu ħsejjes insoliti f'diversi partijiet tal-vettura, li dan kien nuqqas diffuż fil-vettura; iż-żmien li ħadet il-konvenuta, għalkemm attrezzata b'apparat sofistikat u tekniċi kompetenti, biex identifikat u sewwiet id-difetti; il-fatt li saret *recall* tal-vettura; il-fatt illi l-vettura kienet ġdida u li għalhekk ma tistenniex li jinqalgħulha dawn il-problemi kollha fl-ewwel xhur wara li bdiet tintuża – huma biżżejjed biex iwasslu lil din il-qorti biex taqbel mal-ewwel qorti illi tassew illi l-vettura kellha difetti redibitorji.

25. Tassew illi l-espert tekniku ma sab ebda difett fil-vettura meta eżami-naha[26]. Kif jirriżulta mir-rapport tal-espert, iżda, meta sar l-eżami kienu nbidlu l-*parts* difettużi. Meta tqis illi l-vettura kienet f'idejn il-konvenuta li kellha l-mezzi u ż-żmien biżżejjed biex tindirizza sew l-ilmenti tal-attriċi qabel ma jsir l-eżami, u fid-dawl ukoll tal-konsiderazzjonijiet magħmula fil-paragrafi ta' qabel dan, ir-rapport tal-espert ma jibdilx il-fehma tal-qorti illi, fiż-żmien relevanti, il-vettura kellha difetti li minħabba fin-numru u l-entità

---

24 *Fol.* 171 *et seq.*

25 F'pubblikazzjoni dwar *Coordinated Activities on the Safety of Products (CASP) 2020 – Recall Effectiveness*, il-Kummissjoni Ewropea tgħid illi "*A recall is any measure aimed at achieving the return of a dangerous product that is already in the hands of consumers or other end users*".

26 *Fol.* 203 *et seq.*

tagħhom għandhom jitqiesu li huma redibitorji. Inċidentalment, il-qorti kienet tistenna illi l-espert jindirizza l-kwistjoni tar-*recall*, iżda fir-rapport ma jgħid xejn dwarha.

26. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

27. Ngħaddu għall-aħħar aggravju, li jolqot "l-apprezzament tal-fatti". Fil-fatt dan l-aggravju ma huwiex ħlief kritika tal-ewwel qorti talli ma qagħditx fuq il-fehma tal-espert tekniku u difiża tal-istess espert kontra l-kritika li eżamina l-vettura fil-preżenza ta' impjegati tal-konvenuta iżda fl-assenza tal-attriċi.

28. Din il-qorti ġà fissret[27] għala l-konklużjonijiet tal-espert tekniku ma jibdlulhiex il-fehma illi, għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar it-tieni aggravju, il-vettura tassew kellha difetti redibitorji. Ma hemmx għal-fejn ngħidu illi, għalkemm opinjoni teknika ma titwarrabx leġġerment, madankollu ma torbotx lill-qorti, u fil-fehma ta' din il-qorti hemm raġunijiet biżżejjed, kif imfisser fuq, għala din il-qorti għandha, minkejja r-rapport tekniku, taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel qorti. Din il-fehma tal-qorti ma hijiex imsejsa fuq il-fatt illi l-eżami tal-vettura sar fl-assenza tal-attriċi iżda fuq il-konsiderazzjonijiet magħmula fuq.

29. Dan l-aħħar aggravju għalhekk ma jwassalx lil din il-qorti biex tibdel il-fehma tagħha.

30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---

27 Para. 25, *supra*

31. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr